MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Numru. 64/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

Carmel Apap iben John Mary u Mary Jane nee' Haber, imwieled fil-5 ta' Jannar 1958 u residenti 52, Triq Hamri, Ghajnsielem Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita' 758(G)

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra l-hawn fuq imsemmi Carmel Apap li gie akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda qabel it-23 ta' Jannar 2001 bhala sid tal-fond 52, Triq Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex u bhala persuna li

fuqek huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa li bihom seta kellek l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom stajt twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew marker, ikkometta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Akkuzat ukoll talli ghamel hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta liema hsara tammonta ghal ghaxar liri Maltin (Lm10).

Rat illi id-difiza issollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali bid-dekors ta' hames snin u dana a tenur ta'l-artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mid-difiza.

Rat l-atti kollha tall-kawza.

Ikkunsidrat,

Illi dina s-sentenza tirrigwarda biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza u dana bid-dekors ta' hames snin.

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'serq ta' kurrent elettriku liema akkuza taqa' taht id-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 261(a) u 264 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll akkuzat bi hsara volontarja u dana a tenur ta'l-artikolu 325(c) tal-istess Kodici. Illi l-piena ghal dawn ir-reati taqa' fil-parametri ta' dak dispost fl-artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 u cioe' illi l-azzjoni kriminali tigi preskritta bid-dekors ta' hames snin minn meta jigi kommess ir-reat. Illi r-reat li dwaru l-imputat jinsab akkuzat huwa reat kontinwat li madanakollu l-ahhar data fejn seta' sehh ksur tal-ligi hija indikata fl-akkuza bhala it-23 ta' Jannar 2001. Ic-citazzjoni fil-konfront ta'l-imputat giet intavolata mill-prosekuzzjoni quddiem dina l-Qorti fil-31 ta' Awissu 2007. Ghalhekk certament il-perijodu ta' hames snin lahaq idekorra qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri.

Il-Prosekuzzjoni madanakollu qed tikkontendi illi l-perijodu ta’ preskrizzjoni gie sospiz u dana a tenur ta’l-artikolu 691(2) tal-kapitolu 9 li jiddisponi testwalment:

“Jekk l-azzjoni kriminali ma tkunx tista’ tingieb ‘il quddiem jew ma tkunx tista’ titkompla hlief wara awtorizazzjoni specjali, jew wara decizjoni ta’ kwistjoni migjuba f’kawza ohra ghaliha, il-mixi taz-zmien tal-preskrizzjoni jieqaf, u jerga’ jibda jiehu l-kors tieghu minn dak in-nhar li fih tinghata l-awtorizazzjoni jew li tinqata’ l-kwistjoni.”

Dana qed jinghad mill-prosekuzzjoni peress illi l-*proces verbal* inghalaq mill-Magistrat Inkwirenti fid-29 ta’ Awissu 2006 u ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija gie mitlub jiehu azzjoni kriminali mill-Avukat Generali biss wara din id-data u ghalhekk fil-perijodu bejn id-data tal-kummissjoni tar-reat u id-data meta gew intavolati dawn il-proceduri, it-terminu tal-preskrizzjoni jigi sospiz skond il-Ligi.

Illi id-difiza qed targumenta li l-Pulizija Ezekuttiva ma ghandha bzonn l-ebda awtorizazzjoni min-naha ta’l-Avukat Generali sabiex jitmexxew il-proceduri kriminali fil-konfront tal-persuna suspettata u li ghalhekk kollox jiddependi mill-eghluq tal-*proces verbal* sabiex isir dana. L-awtorizazzjoni li issemmi il-ligi ma ghandha xejn x’taqsam ma’ dan u il-ligi hawnhekk qed tirreferi ghal reati ohra bhal dawk tad-Dwana, tad-Drogi fost ohrjan fejn hemm bzonn awtorizazzjoni specjali sabiex jigu inizjati proceduri kriminali fil-konfront tal-persuna jew persuni suspettati.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fis-sentenza Ir-Repubblika ta’ Malta vs Jason Calleja deciza fit-3 ta’ Lulju 1997 fejn il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti u l-iskop li ghalih isir il-*proces verbal* gew studjati fil-fond:
“Is-sistema taghna tal-Magistrat tal-Ghassa (li fil-fatt il-ligi qatt ma ssemieha bhala tali), tal-Magistrat Inkwirenti, ta’l-*in genere* u tal-*proces verbal*, ghalkemm ispirata minn sistemi f’certu sens ezistenti f’pajjizi ohra, hija partikolari ghal Gziritna. Wiehed ghalhekk irid joqghod attent li

japplika dawk ir-regoli li mil-ligi taghna stess huma indikati bhala dawk li ghandhom jiggvernaw il-materja.

Il-Magistrat Inkwirenti fil-kors ta'l-inkjesti ma jaghmiliex bhala Qorti Istruttorja, izda bhala magistrat ut sic. Anzi, f'certi partijiet tal-Kodici Kriminali, bhal per ezempji, fl-artikolu 549(4), hemm cara id-distinzjoni bejn il-Magistrat Inkwirenti u l-Qorti tal-Magistrati bhal Qorti Istruttorja. L-anqas ma ghandu funzjoni ta' Qorti tal-Gudikatura Kriminali. Il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess titolu, jinvestiga r-reat jew il-fatt irraportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u li fl-ahharnett jirredigi process verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dana kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka ghal verita u jikkonsisti principalment fil-gbir u l-preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxielu jidentifika bhala pertinenti ghal grajja jew ir-reat li ikun qieghed jinvestiga. Bhala tali u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, il-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija, u wisq anqas mill-prosekuzzjoni, anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma issirx biss mill-pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuna indipendenti mill-poter ezekuttiv ta'l-Istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir bil-haqq u il-gustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-Privy Council in re Regina vs George Terreni, iddeskriva bhala 'a good way of preserving evidence'. …

Hi certament il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga okkorendo permezz ta' esperti, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament ma hijiex il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari …. Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar

reat u t-tieni jekk abbazi tal-provi – indipendentement mill-apprezzament taghhom – hemmx bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli ghal proceduri kriminali. …

Il-prattika fost il-Magistrati dejjem kienet – u l-logika legali hekk tirrikjedi – illi meta u appena l-Magistrat Inkwirenti jigi infurmat mill-pulizija illi persuna kienet ser titressaq jew ga' giet imressqa l-Qorti u akkuzata bid-delitt li l-Magistrat Inkwirenti ikun qed jinvestiga, dan isir mhux ghas-semplici formalita, izda biex il-Magistrat Inkwirenti proprju ma ikompliex bl-investigazzjoni tieghu u jghaddi biex jirredigi l-*proces verbal*. Minn dak il-mument, il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti tigi immedjatament cirkoskritta u kull ma jkun jifdallu jaghmel huwa mhux li jaghlaq l-inkjesta, izda li jissosspendiha u jpprocedi biex jirredigi l-proces verbal li fih jindika dak li tirrikjedi l-ligi u xejn aktar."

Minn dan kollu jidher car li l-iskop ta'l-inkjesta minn Magistrat huwa sabiex issir investigazzjoni indipendenti ghal kollox minn dik tal-pulizija u mill-Ezekuttiv. Il-proces verbal iservi ghalhekk mhux bhala sostituzzjoni ta'l-investigazzjonijiet tal-pulizija. Il-pulizija xortawahda iridu ikomplu bl-investigazzjonijiet taghhom u jistghu iressqu persuni suspettati quddiem il-Qorti akkuzati bil-kummissjoni tar-reat qabel mal-Magistrat ikun temm l-funzjoni tieghu bala investigatur u ghalaq l-inkjesta! Dana kollu ifisser illi l-pulizija ma jiddependux mill-eghluq ta'l-inkjesta u minn xi awtorizazzjoni ta'l-Avukat Generali sabiex jinizjaw proceduri kriminali fil-konfront ta' persuni suspettati, kif qed tikkontendi il-prosekuzzjoni f'dana il-kaz. Il-prosekuzzjoni kellha tmexxi l-investigazzjonijiet taghha b'mod indipendenti u jekk jirrizulta illi kien hemm xi persuna suspettata dina kellha tigi imressqa il-Qorti, u l-pulizija imbaghad tinforma il-Magistrat Inkwirenti b'dan sabiex jissospendi l-inkjesta tieghu.

Ghaldaqstant l-awtorizazzoni imsemmija fl-artikolu 691(2) certament ma tapplikax ghal dana il-kaz u n-nuqqas ta' azzjoni min-naha tal-prosekuzzjoni sabiex il-persuna suspettata titressaq il-Qorti bl-akkuzi odjerni fi zmien tempestiv wassal sabiex l-azzjoni kriminali odjerna

waqghet preskritta ai termini ta'l-artikolu 688(d) bid-dekors ta hames snin.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a), 264, 278, 325(c) u 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara illi l-azzjoni odjerna hija preskritta skond il-ligi u ghalhekk tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------